MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Numru. 119/2003

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND D'ANASTASI
VS
JOSEPH CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Caruana ta' 48 sena, bin Paul u Carmela nee Cauchi, imwieled Pieta 26 ta' Mejju 1954 u joqghod Wonderland, Triq D Framucelli, Swieqi ID 444654M talli fl-4 ta' Novembru 2000 u/jew matul is-snin/xhur precedenti bhala proprjetarju, u/jew amministratur tal-fond Wonderland, Triq D Framucelli, Swieqi b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex jkollu l-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li

jammonta ghal Lm453.95c liema serq huwa aggravat bil-mezz u hin u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Talli matul l-istess perjodu ikkaguna hsara volontarja fl-istess meter.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 270 u 325 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------